MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2024

Avviż Numru: 211/2022NHV

**Federated Mills PLC**
(C15903)

**vs**

**Ta' Kandja Commercials Limited**
(C17536)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2022[1], li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà intimata ta' danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti wara li s-soċjetà intimata eżegwiet xogħol b'negliġenza u mhux skond is-sengħa u l-arti, fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FED002, u dana wara li l-istess vettura ttieħdet għand is-soċjetà intimata għat-tiswija. Illi s- soċjetà intimata, waqt li kienet qed tagħmel it-tiswijiet, ikkaġunat ħsara akbar fis-sistema elettronika tal-vettura, b'riżultat li l-istess vettura m'għadhiex tista' tintuża.

[1] Fol. 1 tal-proċess;

Ġie dikjarat mis-soċjetà rikorrenti li t-talba tagħha ġiet limitata għal kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, u li għalhekk, kwalunkwe danni likwidati mhux se jeċċedu s-somma ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000).

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, u l-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċċjali numru 632/2022, kontra s-soċjetà intimata, inġunta in subizzjoni.

Rat li b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2022, din il-Qorti kif diversament presjeduta, appuntat l-avviż għas-smigħ għas-seduta tal-25 ta' Novembru 2022.

Rat li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ.

Rat ir-**Risposta** tas-soċjetà intimata, ippreżentata nhar l-24 ta' Novembru 2022[2], li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet billi eċċepiet illi:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif se jiġi ppruvat waqt il-mori tal-kawża;
2. Illi s-soċjetà esponenti ma taħti għal ebda dannu li allegatament is-soċjetà rikorrenti qiegħda tgħid li ġew ikkaġunati lilha;
3. Illi fost fatturi oħra li se jirriżultaw matul din il-kawża, is-soċjetà konvenuta tirrileva li meta l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 'F', 'E', 'D', żero, żero, tnejn (FED 002) ttieħdet ġewwa l-fond tal-istess soċjetà konvenuta, l-vettura in kwistjoni diġa kellha ħsarat mekkaniċi, tant li f'punt partikolari ma startjatx;
4. Illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn fuq espost, is-soċjeta' konvenuta tirreleva wkoll li l-vettura in kwistjoni hija waħda li ilha tintuża għal ħafna snin u li x-xogħol mwettaq minnha sar b'mod diliġenti fejn ittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji sabiex setgħu isiru t-tiswijiet rikjesti mill-istess soċjetà attriċi;
5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat d-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Novembru 2022[3], li permezz tiegħu, wara li eżaminat prima facie jekk minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li semgħet lill-partijiet, u rat l-Artikolu 171A(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

[2] Fol. 7 tal-proċess;

[3] Fol. 10 tal-proċess;

qieset li ma hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti fosthom:

Ix-xhieda ta' **Marco Cachia**, General Manager tas-soċjetà rikorrenti[4] fejn stqarr li trakk FED002 kellu qsim fl-istruttura tiegħu u kien jeħtieġ li jsir tiswija fuqu permezz ta' xogħol ta' welding; u tqabbdet is-soċjetà intimata sabiex tagħmel dan ix-xogħol. Jgħid li meta l-ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti marru biex jiġbru t-trakk wara li tlestew ix-xogħolijiet ta' tiswija mis-soċjetà intimata, it-trakk ma startjax, u għalhekk, jgħid li kellhom jirmunkaw it-trakk biex jieħduh għand electronics technician, Chris Pace. Jgħid li kien Chris Pace li 'mill-ewwel indika li x'aktarx it-trakk kienet ġratlu ħsara fl-Electronic Control Unit (ECU)'. Ftit wara huwa kkonferma li l-problema kienet fl-ECU u li l-probabilità kienet li waqt il-proċess tal-iwweldjar li kien sar għand Ta' Kandja, il-batteriji kienu għadhom konnessi u għalhekk l-iwweldjar ħaraq l-ECU, bir-riżultat li din ma baqgħetx taħdem. Meta kkomunikaw ma' Joseph Farrugia, direttur ta' Ta Kandja, kien pront qalilhom li ser jirrimedja s-sitwazzjoni, iżda eventwalment infurmahom li ma kienx irnexxielu jsib ECU oħra biex tieħu post dik li nħarqet. Huma qatt ma reġgħu semgħu mingħandu u għaldaqstant ħadu passi legali kontra Ta' Kandja.

Ix-xhieda ta' **Noel Attard**, Financial Controller tas-soċjetà Federated Mills Limited[5] fejn indika l-użu tat-trakk FED002, u r-rata li bih kien jinkera t-trakk qabel ma ġarrab il-ħsara. Għab-bażi ta' dawn ir-ratu huwa kkalkula li kienu tilfu użu mit-trakk fl-ammont ta' €11,460. Il-valur tat-trakk innifsu ivvalutah fis-somma ta' tmint'elef ewro (€8,000) skot ma kien stmat fil-polza tal-assikurazzjoni. Għaldaqstant it-telf totali ta' Federated Mills Limited kien fl-ammont ta' €19,460.
Ix-xhieda ta' **Christopher Pace**, electronics technician[6] li stqarr li s-soċjetà rikorrenti kienet ġabitlu controller għandu biex isewwih. Qal li huwa fetaħ l-ECU u jgħid li inizjalment kien biddel il-protection components peress li kienu bil-ħsara, iżda l-processor tal-ECU xorta baqa' ma jiffunzjonax sew peress li anke s-software tiegħu

[4] Permezz ta' affidavit, fol. 15 u 16 tal-proċess;
[5] Permezz ta' affidavit, fol. 23 tal-proċess;
[6] Mogħtija minnu stess nhar is-17 ta' Lulju 2023, fol. 29 sa 33;

ġie corrupted, u għalhekk kien ta l-parir lis-soċjetà rikorrenti li l-unika soluzzjoni kienet li tibdel l-ECU.

Ix-xhieda ta' **Joseph Zahra**, senior control room manager, Kordin Grain Terminal,[7] li xehed li Kordin Grain Terminal kienet tikri t-trakk mertu ta' din il-kawża mingħand is-soċjetà rikorrenti iżda meta dan it-trakk ittieħed għat-tiswija kellhom iqabbdu kuntrattur ieħor.

Rat li s-soċjetà rikorrenti ddikjarat li għalqet il-provi fis-seduta miżmuma nhar is-17 ta' Lulju 2023[8].

Rat il-provi kollha mressqa mis-soċjetà intimata fosthom

Ix-xhieda ta' **Mario Agius**, welder mas-soċjetà intimata[9] fejn stqarr li hu kien ħadem fuq trakk bil-kaxxa li tgħola bil-hydraulic, biex jagħmel il-welding fuq il-pjanċi tiegħu. Jgħid li l-kaxxa tat-trakk kienet kbira wisq biex idaħħlu t-trakk kollu fil-garaxx u għalhekk għażlu li jaħdmu fil-bieb tal-garaxx, fejn nofs it-trakk kien ġol-garaxx u nofs it-trakk barra. Jgħid li neħħew it-terminals tal-battery tat-trakk qabel ma bdew isewwu t-trakk bil-welding, anke ħabba sigurtà, u li damu jaħdmu fuq it-trakk fuq jumejn. Jgħid li biex itellgħu u jniżżlu l-kaxxa kellhom jerġgħu' jarmaw il-battery u t-terminals. Bejn ġurnata u oħra daħħlu t-trakk ġol-garaxx, u għalhekk kellhom jistartjaw it-trakk.

Ix-xhieda ta' **Joseph Farrugia**, Direttur tas-soċjetà intimata[10], fejn jistqarr li hu kien mitlub imur jara trakk biex is-soċjetà intimata tagħmel xi xogħol ta' welding fuqu. It-trakk kien tħalla barra l-workshop meta nġieb biex isir ix-xogħol mis-soċjetà intimata, u spjega li peress li t-trakk kien wieħed kbir kellhom jaħdmu bit-trakk nofsu ġol-garaxx u nofsu barra. Kien tqabbad Mario Agius biex jagħmel ix-xogħol tal-welding, u kellhom jumejn xogħol. Ix-xhud jgħid li dakinhar li t-trakk ittieħed għandhom, kien hu stess li daħħal it-trakk fil-garaxx u meta għamel hekk qal li t-trakk dam ftit biex jistartja. Jgħid li meta s-soċjetà rikorrenti marret biex tiġbor it-trakk, wara li s-soċjetà intimata lestiet ix-xogħol, it-trakk ma startjax u ttieħed mis-soċjetà rikorrenti permezz ta' tow truck, u kienu qalulu li x'aktarx kellu ECU maħruq. Huwa nnega li kien wiegħed lis-soċjetà rikorrenti li kellu jsibilhom ECU ieħor.

[7] Mogħtija minnu stess nhar is-17 ta' Lulju 2023, fol. 34 sa 38;
[8] fol. 28;
[9] Mogħtija minnu stess nhar it-08 ta' Novembru 2023, fol. 40 sa 43;
[10] Mogħtija minnu stess nhar it-08 ta' Novembru 2023, fol. 44 sa 50;

Rat li s-soċjetà intimata ddikjarat li għalqet il-provi fis-seduta miżmuma nhar il-21 ta' Frar 2024.[11]

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta miżmuma nhar is-26 ta' April 2024.[12]

Rat n-nota ta' referenza ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti.[13]

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-kawża titratta talba għal ħlas ta' danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti wara li sar xi xogħol mis-soċjetà intimata fuq trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni FED002.

Illi in suċċint irriżulta li ttieħed trakk kbir b'kaxxa kbira li togħla b'sistema ta' hydraulic, b'qsim fil-plates tiegħu li kellhom jissewwew bil-welding; irriżulta li sar ix-xogħol mis-soċjetà intimata, u li meta kellu jinġabar lura mis-soċjetà rikorrenti dan it-trakk ma startjax.

Inġieb electronics technican mis-soċjetà rikorrenti fejn xehed li hu ġie ppreżentat b'ECU, liema ECU kellu l-ħsara u li minkejja li biddillu l-protection components ma ħadimx għaliex is-software tiegħu kien ġie corrupted u ma setgħax isewwih.

L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jippreċiża li "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu".*

Għalhekk il-Qorti se tgħaddi biex tevalwa jekk ġiex stabbilit in-ness ġuridiku, sal-grad rikjest mil-Liġi, bejn l-azzjoni tas-soċjetà konvenuta u d-danni li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi permezz ta' din il-kawża.

Illi huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi sal-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili fuq bilanċ ta' probabilitajiet.

[11] fol. 56;
[12] fol. 57;
[13] fol. 66;

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu 2003, fis-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri vs. Martin Borg[14] tipprovdi:

> *"…kif paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Għalhekk, il-Qorti hija tenuta li tgħarbel l-verżjonijiet lilha prodotti biex tasal għal konkluzzjoni jekk waħda minnhom teskludiex, twaqqax lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-20 ta' Ottubru 2003, fis-sentenza fl-ismijiet Gerald Bugeja vs. David Gatt[15] tipprovdi li:

> "*Huwa prinċipju ben akkolt fil-gurisprudenza tagħna illi "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti" (Kollezz. Vol XXX pIII p142).*"

Ġie maqbul miż-żewġ partijiet li sar xogħol ta' welding fuq it-trakk mertu ta' din il-kawża mis-soċjetà intimata, u li dan it-trakk ma startjax meta kien se jinġabar mis-soċjetà rikorrenti. Min-naħa tagħha s-soċjetà rikorrenti tgħid li dan kien ma startjax kawża ta' xi nuqqas tas-soċjetà intimata, waqt li s-soċjetà intimata tinsisti li għamlet ix-xogħol skont is-sengħa u l-arti, u illi ħadet il-prekawzjonijiet kollha[16]

Mhuwiex kontradett illi dan it-trakk kien wieħed antik li kellu mill-inqas għoxrin sena. Huwa ammess mis-soċjetà rikorrenti li dan it-trakk kien użat sewwa minnhom u kien minħabba dan il-"wear and tear" li kellu bżonn xogħol ta' tiswija konsistenti f'welding.

Illi fil-fehma tal-Qorti, is-soċjetà rikorrenti ma ġabitx prova konkreta ta' x'wassal biex l-ECU tat-trakk ma baqgħetx taħdem. Huwa minnu li t-tekniku Christopher Pace qal li dan seta' seħħ minħabba frekwenzi għoljin ħafna, iżda din hija biss ipotesi waħda. Kien hemm diversi raġunijiet oħra l-għaliex seta' seħħ dan, mhux inqas l-età avvanzata tal-istess trakk, kif ukoll l-użu sostanzjali tiegħu li bħalma kkawżaw il-ħsara

---

[14] Rikors Numru 478/2000/1;
[15] Rikors numru 1708/1998/1;
[16] xhieda ta' Mario Agius, fol. 42;

fl-istruttura fiżika tat-trakk setgħu ukoll faċilment ikkawżaw il-ħsarat fil-komponenti elettroniċi tiegħu bħalma huwa l-ECU.

Inoltre l-istess tekniku, spjega li jista' jkun li l-welding sar meta l-batterija kienet għada konness u b'hekk mal-welding inħaraq l-ECU, iżda l-persuna li ħadem fuq it-trakk spjega illi huwa beda x-xogħol billi skonnetta l-imsemmija batterija, u dan għamlu diversi drabi, matul il-kors tax-xogħol, u cioe kull meta kellu bżonn itella' u jniżżel il-kaxxa tat-trakk. Din l-istqarrija tal-welder Mario Agius ma ġietx kontradetta, lanqas meta mistoqsi in kontro-eżami u għaldaqstant m'hemm l-ebda raġuni l-għaliex din il-Qorti m'għandhiex tikkunsidra bħala waħda veritiera.

Illi b'hekk minkejja li ċertament li l-ECU tat-trakk safa maħruq, m'hemmx provi ċari u inekwivoċi li jallaċċaw din il-ħsara ma' xi aġir tal-intimata. Għalhekk il-Qorti ma tarax li ġie stabbilit in-ness ġuridiku rikjest bejn l-azzjoni jew ommissjoni tas-soċjetà intimata u d-danni li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tirreklama permezz ta' dawn il-proċeduri. Fin-nuqqas ta' dan in-ness, l-azzjoni tas-soċjetà rikorrenti għal ħlas ta' danni riżultanti mid-delitt ma tistax tirnexxi u kwindi t-talba tagħha ser tkun qed tiġi miċħuda.

Stabbilit illi r-responsabilità tas-soċjetà intimata ma ġietx sodisfaċentement ippruvata, ikun inutili li din il-Qorti tidħol fil-likwidazzjoni tad-danni kkawżati u fuq konsiderazzjonijiet dwar l-imsemmija danni.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talba attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet mressqa mis-soċjetà intimata.

L-ispejjeż ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur